B 2835

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,564, 26 ta' Diċembru, 2025

Taqsima B

A.L. 306 tal-2025

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Regoli tal-2025 dwar Rata ta' Taxxa Mnaqqsa fuq Trasferimenti *Causa Mortis* ta' Dar ta' Abitazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħet mogħtija bl-artikoli 22 u 35 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2025 dwar Rata ta' Taxxa Mnaqqsa fuq Trasferimenti *Causa Mortis* ta' Dar ta' Abitazzjoni.

Rata ta' taxxa mnaqqsa fuq trasferiment *causa mortis* ta' dar ta' abitazzjoni.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35(2)(i) u (ii), iżda bla ħsara għall-artikolu 35(2)(iii) tal-Att, fil-każ ta' trasferiment *causa mortis* ta' proprjetà li jsir fit-28 ta' Ottubru 2025 jew wara:

(a) fejn tali proprjetà tkun tikkonsisti f'dar ta' abitazzjoni li tkun ir-residenza ordinarja tal-persuna li minnha joriġina t-trasferiment, u fejn tali dar ta' abitazzjoni tkun ukoll okkupata fi żmien tali trasferiment *causa mortis* minn xi wieħed jew aktar minn dawk li jirċievu *causa mortis*, it-taxxa għandha titħallas bir-rata ta' tliet euro u ħamsin ċenteżmu (€3.50) għal kull mitt euro (€100) jew parti minnhom ta' tali sehem trasferit lil reċevent *causa mortis* li jokkupa tali dar ta' abitazzjoni bħala r-residenza ordinarja tiegħu kif ikun jirrapreżenta dak is-sehem tal-valur ta' tali dar ta' abitazzjoni li jeċċedi ħamsa u tletin elf euro (€35,000) iżda li ma jeċċedix erba' mitt elf euro (€400,000) u meta dik id-dar ta' abitazzjoni ma tkunx bi sjieda sħiħa jew xort'oħra miżmuma mill-persuna li minnha jkun oriġina t-trasferiment *causa mortis*, l-ammont tal-valur li għandu jitħallas bl-imsemmija rata għandu jkun tali ammont kif ikun proporzjonat għal ħamsa u tletin elf euro (€35,000) jew għal dak is-sehem mill-valur tiegħu li jeċċedi ħamsa u tletin elf euro (€35,000) iżda li ma jeċċedix erba' mitt elf euro (€400,000) u l-valur ta' tali dar ta' abitazzjoni, skont liema jkun l-inqas, daqs il-proporzjon għall-ammont sħiħ, tas-sehem tas-sjieda sħiħa jew titolu ieħor li taħtu tkun inżammet id-dar ta' abitazzjoni minn tali persuna;

(b) fejn tali proprjetà tkun tikkonsisti f'dar ta' abitazzjoni li ma tkunx dar ta' abitazzjoni li għaliha jirreferi l-paragrafu (a),

iżda li tkun ir-residenza ordinarja okkupata minn xi reċevent wieħed jew aktar *causa mortis* fi trasferiment *causa mortis* tal-proprjetà assoluta jew tal-użufrutt ta' kwalunkwe dritt reali fuq id-dar ta' abitazzjoni msemmija, it-taxxa għandha titħallas bir-rata ta' tliet euro u ħamsin ċenteżmu (€3.50) għal kull mitt euro (€100) jew parti minnhom ta' tali sehem trasferit lil kull reċevent *causa mortis* li jkun jokkupa tali dar ta' abitazzjoni bħala residenza ordinarja tiegħu kif ikun jirrappreżenta l-ewwel erba' mitt elf euro (€400,000) tal-valur ta' tali dar ta' abitazzjoni, u meta dik id-dar ta' abitazzjoni ma kinitx bi sjieda sħiħa jew xort'oħra miżmuma mill-persuna li mingħandha jkun oriġina t-trasferiment *causa mortis*, l-ammont tal-valur li għandu jitħallas bir-rata msemmija għandu jkun dak l-ammont li jkun proporzjonat għal erba' mitt elf euro (€400,000) jew il-valur tad-dar ta' abitazzjoni, skont liema jkun l-anqas, daqs il-proporzjon għall-ammont sħiħ, tas-sehem tas-sjieda sħiħa jew titolu ieħor li taħtu tkun inżammet id-dar ta' abitazzjoni minn tali persuna.